MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Numru 12/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**
**vs**
**Marvin Pavia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marvin Pavia ta’ 26 sena, bin Carmelo u Theresa nee’ Saliba imwieled Pieta fl-24 ta’ Frar 1978 u residenti Blk B3, Flat 1, Triq Giacomo Matteotti Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 126578 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer fid-12.01.05 gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin (CCF) u matul l-ahhar xahar qabel din id-data :

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-

persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna / i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’awtoprizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmaniffattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur ta' regoli ta’ 1939 dwar il-Kontroll Interna tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Ukoll talli dahhal jew ipprova idahhal f’xi parti tal-Konfini tal-habs, u cioe fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, minghajr awtorita’ legittima, oggetti (Eroina), li huma projbiti, u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (1), (2) tal-Kap. 260 tal-

Ligijiet ta’ Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (inserit a fol. 6 tal-process) fejn bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 huwa ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fl-udjenza tad-19 ta’ Frar, 2010.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara  li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat principalment il-fatt li hekk kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Nezrin Griscti li xehed fl-udjenza tad-19 ta’ Frar 2010 l-imputat ghadda informazzjoni lil Pulizija liema nformazzjoni serviet sabiex jittiehdu proceduri fil-konfronti ta’ terzi u ghaldaqstant l-imputat jista’ jibbenefika milll-Artikolu 29 tal-Kap. 101. tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti kkunsidrat inoltre li l-imputat kellu fedina penali netta meta kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati u ghalhekk ghalkemm ser timponi piena karcerarja effettiva ser tinzel  taht il-minimum stabbilit mill-Ligi. Il-Qorti f’dan ir-rigward taghmel referenza ghal dak stabbilit mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)  fis-sentenza tal-11 ta’ Lulju 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Jason Dimech’.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8 u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-istess Kap. 101 u r-Regoli 4 u 8 tar-Regoli tal-

1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti maghmula taht l-istess Ligi kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija u multa ta’ seba’ mitt Ewro (€700).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ hames mija u tletin ewro u tlieta u tletin ewro centezmi (€530.33) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------